# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 16**

**Rik. Nru. 936/11JRM**

Joseph C. **GRECH** A&CE

vs

**DIRETTUR TAL-QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI** fil-funzjoni tiegħu ta' Reġistratur tal-Qrati Ċivili

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta' Settembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti ssib li t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur imħarrek fit-30 ta' Mejju, 2011 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Perit Joseph Grech vs Dr. Joseph Schembri LL.D. nomine*" (Ċitazz. Nru. 583/98) maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar, 2011, wara li kienet inħarġet taxxa uffiċjali oħra u bla ma saret azzjoni għar-ritassa,

hija nulla u ma tiswiex għaliex ma saritx skont il-liġi u lil hinn mis-setgħat ("*ultra vires*") tal-istess Reġistratur imħarrek. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2012[1], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tal-11 ta' Jannar, 2011, ħallietu jressaq il-kontestazzjoni tiegħu għall-azzjoni attriċi billi taha raġuni tajba għaliex ma kienx ressaq it-Tweġiba Maħlufa tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-Direttur imħarrek fis-16 ta' Jannar, 2012, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni saret wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li f'kull każ l-azzjoni ma tiswiex għaliex l-attur ma nqediex bil-proċedura xierqa tar-ritassa maħsuba mil-liġi fl-artikolu 64 tal-istess Kap 12. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li huwa b'xi mod mexa bi ksur tal-liġi, u t-taxxa maħruġa minnu saret bi qbil mat-talbiet tal-attur fil-kawża mibdija minnu. Żied jgħid li t-taxxa inħadmet sewwa u skont il-liġi u l-prassi f'każijiet li jixxiebhu, u jekk din il-Qorti jogħġobha tibdel it-taxxa hu ma għandux ibati spejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2012, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet f'din il-kawża;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2012[2], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-4 ta' Ottubru, 2012;[3]

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur (traskritta)[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 13 tal-proċess
[2] Paġ. 46 tal-proċess
[3] Paġġ. 47 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 49 – 50 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Ma jgħidx sewwa d-Direttur imħarrek li din hija azzjoni għal ritassa taħt l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'din l-azzjoni, l-attur qiegħed jilmenta li l-imħarrek – fil-kwalità tiegħu ta' Reġistratur – ma setax minn rajh jaqbad u jibdel taxxa uffiċjali ta' spejjeż u drittijiet dwar kawża wara li jkun diġà ħareġ taxxa uffiċjali oħra dwar l-istess kawża. Din l-azzjoni, għalhekk, trid tingħaraf minn waħda ta' ritassa fejn parti tressaq il-proċedura maħsuba fl-imsemmi artikolu 64 biex tattakka, fiż-żmien xieraq[5], taxxa uffiċjali maħruġa l-ewwel darba;

Illi, għal din l-azzjoni, id-Direttur imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni saret wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li f'kull każ l-azzjoni ma tiswiex għaliex l-attur ma nqediex bil-proċedura xierqa tar-ritassa maħsuba mil-liġi fl-artikolu 64 tal-istess Kap 12. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li huwa b'xi mod mexa bi ksur tal-liġi, u t-taxxa maħruġa minnu saret bi qbil mat-talbiet tal-attur fil-kawża mibdija minnu. Żied jgħid li t-taxxa inħadmet sewwa u skont il-liġi u l-prassi f'każijiet li jixxiebhu, u jekk din il-Qorti jogħġobha tibdel it-taxxa hu ma għandux ibati spejjeż;

Illi l-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> juru li f'Marzu tal-1989 l-attur kien fetaħ kawża[6] fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra wieħed Guerrino Giuseppe Barbirato (li għalih deher bħala kuratur l-Avukat Joseph A. Schembri) biex jeżegwixxi att ta' konvenju dwar sehem indiviż ta' qatgħa art fabbrikabbli fi Triq Bisazza, Sliema. B'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-30 ta' Ottubru, 2008, u għar-raġunijiet hemm imfissra, it-talbiet tal-attur ma ntlaqgħux. L-attur appella minn dik is-sentenza. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2011, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appell ma ntlaqax u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti;

Illi fl-24 ta' Mejju, 2011[7], ir-Reġistratur tal-Qrati ħareġ taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż marbuta mal-imsemmija kawża. F'dik it-taxxa, l-ispejjeż u drittijiet taxxati lill-attur appellant kienu jitilgħu għal ħamest elef sitt mija u ħamsa u ħamsin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€5,655.83) filwaqt li dawk taxxati lill-imħarrek *nomine* appellat kienu jitilgħu għal erbat elef, sitt mija u ħamsa u sebgħin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€4,657.42);

[5] L-art. 64(1) tal-Kap 12 jagħti żmien ta' xahar
[6] Ċitazz. Nru. 583/98RCP
[7] Dok "JCG", f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess

Illi, kif joħroġ min-notament magħmul fuq l-att, wara li saret talba b'Nota konġuntiva mressqa fit-13 ta' Mejju, 2011, fl-1 ta' Ġunju, 2011, inħarġet taxxa uffiċjali oħra fl-atti tal-imsemmija kawża. Mix-xhieda ħareġ li fl-imsemmija Nota saret dikjarazzjoni li l-valur tal-kwistjoni li fuqu kellha tinħareġ it-taxxa tal-kawża kien ta' mitejn elf ewro (€200,000)[8]. Għalhekk, din id-darba, l-ispejjeż u drittijiet taxxati lill-attur appellant kienu telgħu għal erbatax-il elf, ħames mija u ewro u tmienja u sittin ċenteżmi (€14,501.68) filwaqt li dawk taxxati lill-appellat *nomine* kienu telgħu għal tlettax-il elf ħames mija u wieħed u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€13,521.27);

Illi fit-22 ta' Lulju, 2011[9], l-appellat Avukat Schembri *nomine* talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontra l-attur appellant għall-ispejjeż tal-kawża msemmija. F'dak il-Mandat it-talba saret fuq is-saħħa tat-titolu eżekuttiv maħluq bit-taxxa maħruġa f'Ġunju. L-attur laqa' n-notifika tal-Mandat u t-taxxa li kien hemm mehmuża miegħu bil-proċess tal-affissjoni wara s-26 ta' Lulju, 2011[10];

Illi fis-6 ta' Settembru, 2011, l-attur ressaq protest ġudizzjarju[11] kontra l-imħarrek, u fid-29 ta' Settembru, 2011, fetaħ din il-kawża;

Illi <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ</u> jitolbu li, qabel kull ħaġ'oħra, l-Qorti tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mid-Direttur imħarrek li tgħid li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex huwa ma mexxiex fi żmien xahar minn dakinhar li sar jaf bit-taxxa li llum qiegħed jattakka;

Illi għal din l-eċċezzjoni, l-attur jirribatti billi jgħid li huwa kien ressaq att ġudizzjarju kontra d-Direttur imħarrek qabel ma fetaħ din il-kawża. Jgħid li, saħansitra, l-istess imħarrek kien wieġeb għalih[12];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba sewwasew għaliex hija msejsa fuq il-ħsieb żbaljat li din hija azzjoni ta' ritassa kif maħsub fl-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ingħad qabel, din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li trid li din il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba d-Direttur imħarrek qabiżx is-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi meta reġa' intaxxa b'mod differenti taxxa uffiċjali li kien ħareġ qabel u li ħadd mill-partijiet ma kien attakka b'azzjoni ta' ritassa. L-għan tal-azzjoni tal-lum

[8] Xhieda ta' Emanuel Sciriha f'paġ. 29 tal-proċess
[9] Dok "JCG 1", f'paġġ. 21 – 4 tal-proċess
[10] Xhieda tal-attur f'paġġ. 37 – 8 tal-proċess
[11] Nru. 381/11
[12] Trattazzjoni f'paġ. 49 tal-proċess

m'huwiex dak li jitlob ir-reviżjoni tat-tieni taxxa uffiċjali, imma t-tħassir tagħha u li l-qagħda terġa' tmur lura għal meta ħarġet it-taxxa uffiċjali oriġinali;

Illi ladarba l-Qorti trid toqgħod mal-għażla ta' azzjoni li għamel l-attur f'dan il-każ, trid tiddeċiedi l-eċċezzjoni f'dawk il-parametri. Mill-fatti li joħorġu fl-atti tal-kawża jidher li l-għemil attakkat mill-attur imur għall-ħabta ta' nofs Mejju tal-2011, bil-ħruġ tat-taxxa attakkata wara li tressqet Nota li tgħid li l-valur tal-mertu tal-kawża kien ta' €200,000. L-attur jgħid li sar jaf x'ġara meta waslitlu l-kopja tal-Mandat eżekuttiv li nħareġ kontrih lejn l-aħħar ta' Lulju tal-2011. Hemm qbil li fil-bidu ta' Settembru huwa kien ħareġ Protest ġudizzjarju kontra l-imħarrek;

Illi ladarba l-azzjoni mressqa mill-attur hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, iż-żmien li fih trid titressaq azzjoni huwa dak ta' sitt (6) xhur[13], liema żmien huwa wieħed ta' dekadenza u mhux preskrittiv;

Illi għalhekk, ladarba ż-żmien li għadda bejn meta ħarġet it-taxxa attakkata u dakinhar li nfetħet il-kawża ma kienx qabeż l-imsemmi terminu, allura l-azzjoni attriċi tressqet f'waqtha;

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek mhix se tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni** tal-attur, xieraq jingħad mill-ewwel li l-ilment tiegħu huwa speċifiku – jiġifieri li huwa qiegħed jgħid li ladarba r-Reġistratur ikun ħareġ taxxa uffiċjali ma għandu l-ebda setgħa bil-liġi li minn rajh jibdilha jew joħroġ oħra minflokha. L-azzjoni attriċi, fi kliem ieħor, ma tikkontestax is-setgħa li r-Reġistratur għandu biex jibdel jew jissostitwixxi taxxa maħruġa minnu safejn il-liġi tagħtih li jagħmel hekk;

Illi ma hemm l-ebda dubju li, fost is-setgħat li tagħti l-liġi lir-Reġistratur (illum il-ġurnata rappreżentat mid-Direttur imħarrek[14]), hemm dik li jintaxxa u jillikwida l-ispejjeż ġudizzjarji[15]. Din is-setgħa hija mfissra fl-artikolu 1004 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ftit li xejn hemm dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi li joħolqu xi regoli oħrajn dwar dak li jista' jagħmel ir-Reġistratur fir-rigward tal-kumpilazzjoni u l-ħruġ ta' taxxi ġudizzjarji;

---

[13] Art. 469A(3) tal-Kap 12
[14] Art. 57(1) tal-Kap 12
[15] Art. 64(1) tal-Kap 12

Illi l-attur jisħaq li, meta f'dan il-każ, l-imħarrek bidel l-ewwel taxxa uffiċjali b'oħra, kien qiegħed jaqbeż il-limiti tas-setgħat li tagħtih il-liġi. L-imħarrek jirribatti billi jgħid li kellu kull jedd joħroġ it-taxxa attakkata għaliex kien mitlub jagħmel hekk minn kull waħda mill-partijiet fil-kawża li dwarha inħarġet dik it-taxxa, u għaliex dak li sar kien biss tiswija tat-taxxa oriġinali;

Illi l-Qorti tqis li l-liġi torbot lir-Reġistratur li joħroġ taxxa ġudizzjarja dwar l-ispejjeż li tkun toqgħod ma' dak preskritt fit-Tariffa "A" tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u skont regolamenti li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel minn żmien għal żmien. Din is-setgħa tfisser ukoll b'dan il-mod mill-Qrati tagħna meta ngħad li "*Id-drittijiet għandhom jiġu ntaxxati u regolati skond it-Tariffa u l-liġi; u r-Reġistratur ma jistax jagħmel arranġamenti dwarhom, sija pure bl-adeżjoni tal-partijiet*"[16]. Il-Qorti għażlet li tislet minn dik is-sentenza minħabba li, f'dak il-każ ukoll, ir-Reġistratur kien bidel it-taxxa ġudizzjarja ta' kawża fuq talba tal-partijiet, u dik il-Qorti ma kinitx sabet li dan ma setax isir. Minbarra dan, din il-Qorti tifhem li s-silta ċitata tfisser ukoll li, sakemm fl-intaxxar ir-Reġistratur jimxi mar-regoli maħsuba fit-Tariffa, it-taxxa maħruġa ma tkunx "*ultra vires*" tas-setgħat mogħtijin lilu bil-liġi, u li l-adeżjoni tal-partijiet ma hijiex eskluża sakemm dan ma jbiegħedx lir-Reġistratur mill-kriterji tat-Tariffa li l-liġi torbtu li jħares;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-liġi ma żżommx lir-Reġistratur milli jibdel taxxa uffiċjali maħruġa b'oħra. Il-Qorti tgħid ukoll li l-attur ma jgħidx sewwa li, fil-każ tiegħu, id-Direttur imħarrek bidel l-ewwel taxxa uffiċjali minn rajh;

Illi mix-xhieda mressqa ħareġ li t-taxxa attakkata nbniet fuq dikjarazzjoni magħmula b'Nota mill-avukati tal-partijiet fil-kawża, magħdud dak li, sa dak iż-żmien, kien id-difensur tal-attur. Il-Qorti jidhrilha li, b'dan il-mod, l-attur kien qiegħed iressaq dikjarazzjoni li biha kien qiegħed jiddikjara x'kien il-valur taxxabbli tal-kawża. L-attur xehed ukoll li l-avukat tiegħu kien bagħtlu kopja tat-taxxa issa attakkata[17], u mhux biss meta waslitlu l-verżjoni mal-Mandat eżekuttiv maħruġ kontrih. L-attur ma xehedx li huwa ħadha b'xi mod mal-avukat tiegħu għall-fatt li ressaq dik il-Nota, imma dan il-fatt juri li, għallanqas sa dak iż-żmien, huwa kien għadu patroċinat mill-imsemmi avukat. Huwa fatt magħruf li, mhux darba jew tnejn, taxxa ma tkunx tista' tinħareġ sakemm il-partijiet ma jagħtux b'Nota maħruġa minn idejhom jew f'isimhom dikjarazzjoni tal-valur tal-kawża li trid tkun taxxata. Dik il-prattika jew drawwa

[16] App. Ċiv. **30.1.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.78**)
[17] Xhieda tiegħu f'paġ. 35 tal-proċess

m'hijiex waħda li taħbat kontra xi dispożizzjoni espressa tal-Kodiċi u għalhekk ma tistax titqies bla effett[18];

Illi huwa aċċettat ukoll li, lil hinn mill-kriterji maħsuba fit-Tariffa, it-twettieq tal-intaxxar mir-Reġistratur jew minn dawk li huwa jqabbad f'ismu jew minfloku[19] jitlob element ta' diskrezzjoni fid-determinazzjoni tal-ammonti stabbiliti u taxxati. Dan jgħodd kemm fir-rigward tal-intaxxar innifsu u kif ukoll fi ħwejjeġ li jiddependu fuq intaxxar bħal dan, bħalma huwa l-iffissar tal-kawtela fl-appelli[20]. Ladarba wieħed jitkellem dwar diskrezzjoni, limitata kemm hija limitata, dan ifisser deċiżjoni msejsa fuq raġunar li jagħti marġini ta' wisgħa b'mod li dik id-deċiżjoni ma tkunx waħda predeterminata jew imposta fid-dettall tagħha. Madankollu, fejn hemm diskrezzjoni amministrattiva, tinbet il-ħtieġa tar-raġonevolezza u dan huwa wieħed mill-elementi ewlenin li l-Qorti trid tistħarreġ f'azzjoni tal-għamla li għandha quddiemha llum;

Illi, fil-każ partikolari ta' din il-kawża, jirriżulta li t-taxxa attakkata ma ħassritx dak kollu li tniżżel fl-ewwel taxxa li nħarġet, u hija tista' tgħid l-istess fil-bosta partiti tagħha ħlief fejn jirrigwarda l-intaxxar tad-drittijiet tar-Reġistru, tal-avukati u tal-prokuraturi legali fl-istanza tal-appell. F'din it-tieni verżjoni, jissemma b'mod espress li t-tliet partiti mibdula saru bis-saħħa ta' Nota Konġuntiva li tressqet f'Mejju tal-2011. Il-Qorti tqis li l-ammonti mibdula kienu determinati bis-somma msemmija fin-Nota konġunta u li, fuq is-saħħa ta' dik is-somma, il-partiti mibdula tat-taxxa attakkata joqogħdu ma' dak li tistabilixxi t-Tariffa. L-ammont li ssemma fin-Nota konġunta wkoll ma kienx xi wieħed maħluq minn żniedu, għaliex ingħad li dak kien il-prezz miftiehem fuq l-att tal-konvenju[21] liema konvenju kien sewwasew il-mertu tal-kawża li l-attur kien fetaħ biex jitlob l-eżekuzzjoni tiegħu u li kopja tiegħu kienet fl-atti tal-kawża li dwarha ħarġet it-taxxa attakkata;

Illi d-Direttur imħarrek ma fissirx għaliex il-partiti li nbidlu kienu jirrigwardaw biss id-drittijiet taxxati fl-istadju tat-tieni istanza u mhux ukoll dawk tal-ewwel istanza. Imma, ladarba din tal-lum m'hijiex azzjoni ta' ritassa imma waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, mhix ħaġa ta' din il-Qorti li tindaħal hi jew li tissostitwixxi lill-imħarrek fit-twettiq ta' setgħa li l-liġi tagħti lilu;

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li ma ntwera bl-ebda mod li, fil-ħruġ tat-taxxa attakkata, id-Direttur imħarrek mexa

18 Ara art. 1009 tal-Kap 12
19 Art. 57(3) tal-Kap 12
20 Ara App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Chircop et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.387**) u App. Ċiv. **27.6.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ pro et noe vs Joseph Paċe noe et***
21 Xhieda ta' Emanuel Sciriha f'paġ. 30 tal-proċess

b'xi mod lil hinn mis-setgħat lilu mogħtija mil-liġi jew li wettaq dan id-dmir tiegħu b'mod abbużiv jew irraġonevolment;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tad-Direttur imħarrek billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tiċħad it-talba** attriċi billi mhix mistħoqqa fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-attur.

**Moqrija**

**Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**